# Ġ 4.3 IT-TIBDIL SKONT L-ISTAĠUN



**Ġ4.3.1**
Permezz ta' stampi u ritratti nosservaw il-bidliet staġjonali fuq il-pajsaġġ tagħna u dak barra minn Malta.

## A. Imla l-vojt bil-kliem mogħti.

| | | | |
|---|---|---|---|
| in-natura | bard | silġ | weraq |
| turisti | staġun | il-baħar | xita |
| r-ragħad | x-xitwa | friski | bil-fjuri |



Minn sempliċi ritratti, jekk nosservaw tajjeb, nistgħu nindunaw xi _________________ ikun. Jekk pereżempju naraw l-ewwel ritratt, faċli nindunaw li l-istaġun huwa _________________ , u li r-ritratt ġie meħud barra minn Malta. Kif nistgħu nindunaw? Naturalment ninnutaw li f'Malta ma jagħmilx _________________ , allura r-ritratt bilfors ġie meħud barra.



Fir-rebbiegħa, _________________ tieħu l-ħajja. Ħafna siġar jerġgħu jtellgħu l-weraq. L-għelieqi jimtlew bil-pjanti u _________________. L-għasafar jimlew il-kampanja bl-għana ħelu tagħhom. It-temp ikun mill-isbaħ, la tkun ħafna sħana u lanqas ħafna _________________. Dan huwa żmien ideali għal xi ħarġa fil-kampanja.



Ma tistax issemmi s-sajf hawn Malta u ma ssemmix ________________. It-temp ikun sħun ħafna u l-Maltin, flimkien mal-bosta ________________ li jżuru Malta fix-xhur tas-sajf, ma jsibu jagħmlu xejn isbaħ milli jqattgħu bosta ħin maġenb il-baħar. Fis-sajf ma tagħmilx ________________, allura l-kampanja tkun niexfa għall-aħħar. Il-ħwejjeġ li nilbsu jkunu ħwejjeġ ħfief u ________________. Fis-sajf ikollna l-vaganzi tal-iskola, u hekk ikollna iktar ħin liberu.

Kif jgħaddi s-sajf, fit-tielet ġimgħa ta' Settembru, nerġgħu nibdew l-iskola. In-natura terġa' tibda taħseb għax-xitwa. Is-siġar iwaqqgħu ħafna ________________. Sikwit tibda tagħmel xi maltempata bix-xita u ________________.



**B. Ikteb dwar IL-KAMPANJA MALTIJA.**

Il-Kampanja Maltija fis-sajf:



______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

______________________________________

Il-Kampanja Maltija fix-xitwa:



**Ċ. Agħmel skeċċ ħafif tal-kampanja Maltija fix-xitwa.**

